**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 192/2018 RM**

**Emanuel Delia**

**-Vs-**

**Robert Cremona bhal editur ta' NetNews.com.mt u Fabian Demicoli bhala programmes manager ta' Net TV**

**Illum, 27 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Emanuel Delia, ipprezentat nhar l-10 ta' Awwissu 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna previa dikjarazzjoni 1) illi l-konvenuti jew min minnhom hu responsabbli bhala editur tas-sit NetNews.com.mt tal-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista u 2) illi m' ottermporawx ruhhom mal-provvedimenti tal-Art. 15 tal-Kap 579 meta naqsu milli jippublikaw jew ixandru stqarrija bi "dritt ta' risposta" mibghuta mill-attur in konnessjoni ma' publikazzjonijiet u/jew xandiriet li saru madwar l-1 ta' Awissu 2018, kif jigi muri waqt is-smiegh, jigu ordnati jaghmlu tali publikazzjoni u xandira u kkundannati ihallsu lill-attur il-penali li tigi stabbilita mill-Qorti skond l-Artikolu citat.

Bl-ispejjez kontra taghhom imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Robert Cremona u Fabian Demicoli ipprezentata nhar il-15 ta' Ottubru 2019 ghar-rikors mressaq minn Emanuel Delia nhar l-10 ta' Awwisu 2019 fejn esponew bir-rispett:

1. *Illi l-intimat Fabian Demicoli huwa programmes manager tan-Net Television u bl-ebda mod ma huwa responsabbli mill-kontenut tal-aħbarijiet fil-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista. Konsegwentement l-istess intimat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Illi fil-mertu, jingħad li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih u dan għas-segwenti raġunijiet:*

a) *Jiġi rilevat li r-rikorrenti ma eżebiex dik li huwa jsejjaħ bħala dritt ta' risposta mar-rikors minnu mressaq quddiem il-Qorti u allura l-intimati jirriżervaw id-dritt tagħhom li jressqu risposti ulterjuri fil-mertu f'dan ir-rigward meta dan jiġi eżibit.*

b) *F'kull każ, jidher pero li din id-dritt ta' risposta li r-rikorrenti jsemmi fir-rikors tiegħu, mingħajr ma jesebixxi kopja tagħha, hija dik datata 3 ta' Awwissu, 2018 mibgħuta mill-avukat tiegħu lill-editur tan-NetNews permezz ta' email (dok. A). Jiġi spejġat ulterjorment li:*

i. *Fid-29 ta' Lulju, 2018, ir-rikorrenti kien tella' blog fuq is-sit eletroniku tiegħu* <u>*Truth Be Told*</u> *bl-isem ta' "Mrs Adrian Delia's uncle is first to get license to grow cannabis" (dok. B).*

ii. *Illi fil-31 ta' Lulju, 2018 kienet intbagħtet ittra bi dritt ta' risposta lir-rikorrenti mill-Partit Nazzjonalista u mill-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia (dok. C) għall-imsemmi blog.*

iii. *Illi r-rikorrenti tella' blog b'din id-dritt ta' risposta tal-Partit Nazzjonalista u tal-Kap tal-Oppożizzjoni fuq is-sit elettroniku tiegħu <u>Truth Be Told</u> nhar l-1 ta' Awwissu, 2018 bl-isem "PN's lawyer Vince Galea replies on cannabis cultivation story" (dok. D).*

iv. *Illi aktar tard tul il-ġurnata, r-rikorrenti tella' blog ieħor fuq is-sit eletroniku iegħu <u>Truth Be Told</u> bl-isem ta' "PN's media house called me a liar even as it lied" (dok. E).*

v. *Illi din it-tweġiba li bagħtu l-Partit Nazzjonalista u mill-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia ġiet imxandra fuq il-meżżi tax-Xandir tal-Partit Nazzjonalista fl-1 ta' Awwissu, 2018.*

vi. *Illi fit-2 ta' Awwisu, 2018 ir-rikorrrenti tella' blog fuq is-sit elettroniku tiegħu <u>Truth Be Told</u> bl-isem ta' "How about my right of reply?" (dok. F).*

vii. *Illi fit-3 ta' Awwissu, 2018 l-editur tan-Netnews irċieva email mingħand l-avukat tar-rikorrenti fejn intalab li jġib dritt ta' risposta għax-xandira li kienet saret fuq il-meżżi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista fl-1 ta' Awwissu, 2018, liema xandir, kif diġa ngħad, kien jirrigwarda d-dritt ta' risposta li kienu għamlu l-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Oppożizzjoni fil-31 ta' Lulju, 2018 b'referenza għall-blog imtella mir-rikorrenti fuq is-sit elettroniku tiegħu datat 29 ta' Lulju, 2018.*

viii. *Illi fil-5 ta' Awwissu, 2018 l-editur tan-Netnews wieġeb għal email datata 3 ta' Awwissu, 2018 (dik li r-rikorrenti jsejjaħ bħala dritt għar-risposta tiegħu) u hemm ta r-raġunijiet tiegħu għala dik id-dritt tar-risposta ma kienitx ser tiġi mxandra u dan peress li, fost raġunijiet oħra li ser jinġiebu*

*għall-attenzjoni tal-Qorti, tali email tat-3 ta' Awwissu, 2018 ma kienitx skont ma jitolbu d-dettami tal-artikolu 15 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta (dok. G) inkluż, li dak li kien hemm miktub fl-email tal-avukat tar-rikorrenti datata 3 ta' Awwissu, 2018 kien biss argumentazzjoni u sottomissjonijiet ta' opinjoni differenti għall-email li intbagħtet lir-rikorrenti fil-31 ta' Lulju, 2018 bħala dritt għar-risposta mill-Partit Nazzjonalista u mill-Kap tal-Oppożizzjoni fuq blog li kien tella' l-istess rikorrenti fuq is-sit elettroniku tiegħu.*

ix. *Illi fil-5 ta' Awwissu, 2018 stess, l-avukat tar-rikorrenti wieġeb lura għal email tal-5 ta' Awwissu, 2018 hawn fuq imsemmija u infurmah li jekk mhux ser tinġieb tali dritt għar-risposta huwa kien ser jipproċedi fil-qorti (dok. H).*

x. *Illi fl-10 ta' Awwissu, 2018 ir-rikorrrenti tella' blog fuq is-sit elettroniku tiegħu* Truth Be Told *bl-isem ta' "Right of reply denied" (dok. I) fejn informa lill-qarrejja tiegħu li kien intavola proċeduri ġudizzjarji kontra l-meżżi tax-xandir tal-partit Nazzjonalista.*

3. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq esposti, u għal raġunijiet oħra li sejrin iresqu l-intimati għal konsiderazzjoni tal-Qorti fl-istadju opportun, huma jitolbu bir-rispett li Hija tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrih.*

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent Emanuel Delia fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2018;

Semghet ix-xhieda ta' Pierre Portelli[1] prodott mill-intimati, li dak iz-zmien kien ic-Chairman Ezekuttiv tal-kumpannija MediaLink li topera l-media tal-Partit Nazzjonalista, fejn *inter alia* fisser illi peress li ma kienx jaf jekk ir-rikorrent

[1] 22 ta' Jannar 2019.

kienx qed jagixxi, fid-dritt tar-risposta minnu mitlub, ghal xi klijent iehor li jikteb ghalih, jew le, huwa ha d-decizjoni li ma jigix ippubblikat id-dritt tar-risposta mitlub mill-istess rikorrent;

Semghet ix-xhieda tal-istess Pierre Portelli in kontro-ezami[2];

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2019;

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

L-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 15 tal-Kap. 579 li jipprovdi ghal dritt ta' risposta lil min jallega, *inter alia,* li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tieghu jkunu ġew mizrapprezentati permezz ta' xi pubblikazzjoni, liema dritt jesigi illi ghandha tigi minnufih ippubblikata, minghajr hlas, fl-istess *medium* illi fiha tkun saret il-pubblikazzjoni lamentata, dikjarazzjoni tal-persuna in linea ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni. L-Artikolu in dizamina jistipola hekk:-

**15**(1) *Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew miżrappreżentati jew li kienet vittma ta' malafama jew li invadewlha l-ħajja privata tagħha permezz ta' pubblikazzjoni hija intitolata li titlob sabiex tiġi minnufih ippubblikata, mingħajr ħlas, fl-*istess medium, *dikjarazzjoni ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni:*
…

[2] 2 ta' Ottubru 2019;

*Iżda aktar minn hekk id-dritt ta' risposta għandu jkun ristrett għall-korrezzjoni jew kontradizzjoni u, jew spjegazzjoni tal-fatti u m'għandux jestendi għas-sottomissjoni ta' opinjoni differenti.*

Ir-rikorrent, effettivament, qieghed jitlob illi l-intimati jigu ordnati li jippubblikaw u jxandru l-istqarrija lilhom mibghut in linea ta' dritt ghar-risposta, in konnessjoni ma' pubblikazzjonijiet jew xandiriet li saru fuq is-sit netnews.com.mt u fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista, ghall-habta tal-1 ta' Awwissu 2018, u dan ghaliex skont hu, l-intimati naqsu milli jaghmlu il-pubblikazzjoni jew xandira mitluba bi ksur tad-dritt ghar-risposta prospettata fl-Artikolu 15 tal-Kap. 579.

Minn dak li setghet tislet il-Qorti mill-kontenut tar-Risposta ghar-Rikors promotur, l-intimati jikkontestaw it-talba tar-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:-

1. l-intimat Fabian Demicoli m'huwiex legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna;
2. it-talba li saritilhom fit-3 ta' Awwissu 2018 sabiex tigi ppubblikata r-risposta tar-rikorrent fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista bi twegiba ghax-xandira li saret fl-1 ta' Awwissu 2018, ma tinkwadrax fl-iskop tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 stante illi:-

(a) Ix-xandira li saret fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista fl-1 ta' Awwissu 2018 kienet tirrigwarda id-dritt ghar-risposta tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Opposizzjoni tal-31 ta' Lulju 2018 ghall-blog imtella' mir-rikorrent fuq is-sit elettroniku tieghu fid-29 ta' Lulju 2018; u

(b) Il-kontenut tat-talba ghall-pubblikazzjoni li saret in linea ta' dritt ghar-risposta jikkonsisti f'argumentazzjoni u sottomissjonijiet ta' opinjoni differenti ghall-istqarrija li ntbaghtet lir-rikorrent fil-31 ta' Lulju 2018 in linea ta' dritt ghar-risposta tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Oppozizzjoni imtella' fuq il-blog tar-rikorrent.

Illi jkun opportun illi qabel xejn tigi elenkata s-sekwenza ta' fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, liema fatti m'humiex kontestati:-

- Fid-29 ta' Lulju 2018, ir-rikorrent Emanuel Delia tella' fuq is-sit elettroniku tieghu, artikolu intestat "*Mrs Adrian Delia's uncle is first to get license to grow cannabis*."

- F'dan il-blog ir-rikorrent kiteb fost ohrajn, is-segwenti paragrafu:- "*The leader of the opposition was enthusiastic in his support for this legislation, and sources inform this website discussion in the PN Parliamentary Group on the subject were cut short by the leadership. ... Adrian Delia never declared his wife's family and his personal election agent's interest in the cannabis sector even as the party was developing its policy on the subject*"

- Fil-31 ta' Lulju 2018, il-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Opposizzjoni Adrian Delia tramite l-legali taghhom, baghtu stqarrija permezz ta' e-mail b'ezercizzju tad-dritt taghhom ghar-risposta ghall-artikolu imtella' mir-rikorrent fuq is-sit elettroniku, liema e-mail gie riprodott *in toto* fuq l-istess sit elettroniku tar-rikorrent fl-1 ta' Awwissu 2018.

- Illi fl-istess gurnata tal-1 ta' Awwissu 2018, Net News ippubblika u xandar artikolu intestat "*Il-PN kien u ghadu kontra l-kultivazzjoni tal-cannabis f'pajjizna – il-blogger Manuel Delia imgiddeb*".

- Illi f'dan l-artikolu is-sit elettroniku Net News[3] irrapporta s-sostanza ta' dak li ntqal fl-istqarrija bi dritt ghar-risposta tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Oppozizzjoni - liema stqarrija giet ppubblikata fuq is-sit elettroniku tar-rikorrent l-1 ta' Awwissu 2018 – u rrapporta wkoll illi fl-artikolu originarjament imtella` mir-rikorrent fuq is-sit tieghu fid-29 ta' Lulju 2018,

[3] Dok. ED1 a fol. 52.

l-istess rikorrent gideb u zgwida l-qarrejja tieghu b'informazzjoni falza meta:-

"*... xandar li l-Grupp Parlamentari Nazzjonalista ivvota favur il-koltivazzjoni tal-kannabis f'Malta*"

u

"*allega li kien il-Kap tal-Partit Nazzjonalista Adrian Delia li gieghel lill-Grup Parlamentari jivvota favur il-kultivazzjoni tal-kannabis ghaliex ghandu kunflitt ta' interess favur familjari tal-mara tieghu...*".

- Illi permezz ta' stqarrija mibghuta b'e-mail fit-3 ta' Awwissu 2018, ir-rikorrent talab lill-Editur ta' NetNews[4] sabiex, b'referenza ghall-pubblikazzjoni intestata "*Il-PN kien u ghadu kontra l-kultivazzjoni tal-cannabis f'pajjizna – il-blogger Manuel Delia imgiddeb*" jippubblika s-segwenti risposta, cioe` illi:-

*a) hu qatt ma kiteb li l-Membri Parlamentari Nazzjonalisti vvutaw favur il-legislazzjoni tal-kannabis f'xi forma jew ohra jew illi l-PN huwa favur tali legalizzazzjoni u*

*b) kull ma kien irrapportat hu illi l-Kap Adrian Delia kien qata' fil-qasir id-diskussjoni fil-Grupp Parlamentari u li ma kienx stqarr illi kellu konnessjoni familjari u mod iehor ma' nies interessati fil-koltivazzjoni tal-kannabis ghal skopijiet medicinali, liema pass fil-fehma tas-Sur Delia messu ttiehed mill-Kap Adrian Delia b'turija ta' rispett ghall-principji ta' governanza xierqa.*

- Illi din it-talba tar-rikorrent sabiex jigi pubblikat il-kontenut tal-ittra tat-3 ta' Awwissu 2018 b'ezercizzju tad-dritt ta' risposta, giet michuda permezz ta' risposta li ntbaghet b'e-mail fil-5 ta' Awwissu 2018, fejn ir-rapprezentant legali tar-rikorrent gie mgharraf illi l-istqarrija tieghu bi dritt ghar-risposta ma setghetx tigi mxandra ghas-segwenti ragunijiet:-

(i) l-ittra u l-kontenut taghha ma jikkwalifikawx bhala dritt ghar-risposta skont il-htigijiet tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 ghaliex huwa biss argumentazzjoni u sottomissjonijiet ta' opinjoni differenti ghal dak kontenut fl-email

[4] Dok. A a fol. 12, u Dok. F a fol.31

kontenenti d-dritt tar-risposta tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Opposizzjoni; u

(ii) dak li gie mxandar fuq il-mezzi tax-xandir kien id-dritt ta' twegiba li kienu baghtu l-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Opposizzjoni lir-rikorrent.

- Illi m'huwiex kontestat illi din l-istqarrija tar-rikorrent bi dritt ghar-risposta, baqghet ma gietx ippubblikata fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat l-atti u tibda billi tosserva illi kuntrarjament ghal dak li xxandar fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista fl-1 ta' Awwissu 2018, **imkien fil-blog tar-rikorrent** ippubblikat fid-29 ta' Lulju 2018 kien sar xi accenn ghall-mod kif effettivament ivvota l-*Grupp Parlamentari Nazzjonalista fuq il-legislazzjoni dwar il-koltivazzjoni tal-kannabis f'Malta*. Evidentement, l-unika referenza li saret mir-rikorrent fil-blog tieghu fid-29 ta' Lulju 2018 fir-rigward, hija r-referenza ghall-allegat entuzjazmu tal-Kap tal-Oppozizzjoni favur il-legislazzjoni u kif id-diskussjonijiet tal-Grupp Parlamentari fir-rigward, inqatghu fil-qasir mill-Kap tal-Opposizzjoni, izda xejn iktar minn hekk.

Il-Qorti lanqas ma rriskontrat, fl-imsemmi blog, xi allegazzjoni bhal dik li saret minn Net News fejn irrapportat illi r-rikorrent kien qal li "*l-Kap tal-Partit Nazzjonalista Adrian Delia kien gieghel lill-Grup Parlamentari jivvota favur il-kultivazzjoni tal-kannabis*."

Is-siltiet relevanti mill-imsemmi blog tar-rikorrent tad-29 ta' Lulju 2018, qed jigu ghal darb'ohra hawn riprodotti:-

"*The leader of the opposition was enthusiastic in his support for this legislation, and sources inform this website discussion in the PN Parliamentary Group on the subject were cut short by the leadership. ... Adrian Delia never declared his wife's family and his personal election agent's interest in the cannabis sector even as the party was developing its policy on the subject*"

B'zieda mal-premess, il-Qorti tosserva wkoll illi filwaqt illi huwa minnu illi **fl-istqarrija mibghuta mill-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Opposizzjoni lir-rikorrent in linea ta' dritt ghar-risposta**[5], gie dikjarat illi l-Opposizzjoni vvotat kontra l-Abbozz dwar il-produzzjoni tal-kannabis ghal skopijiet medicinali u ta' ricerka, ma sar ebda accenn fl-istess stqarrija illi r-rikorrent kien, allegatament, irrapporta li l-Opposizzjoni vvotat mod iehor, u lanqas sar xi accenn fl-istess stqarrija illi r-rikorrent kien irrapporta li l-Kap tal-Opposizzjoni gieghel lill-Grupp Parlamentari jivvota b'xi mod jew iehor dwar din il-legislazzjoni.

Dan stabbilit - u ghalkemm ghandu jinghad illi l-pubblikazzjoni mtellgha minn Net News fl-1 ta' Awwissu 2018 tabilhaqq "*tirrigwarda id-dritt ta' risposta tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Opposizzjoni"* mitluba fil-31 ta' Lulju 2018 – jirrizulta illi illi m'huwiex minnu li dan l-artikolu jikkonsisti semplicement f'xandira tat-"*twegiba li baghtu l-Partit Nazzjonalista u mill-Kap tal-Oppozizzjoni Dr Adrian Delia ... fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista…*" u konsegwentement, is-sottomissjoni tal-intimati illi din il-pubblikazzjoni semplicement irripproduciet id-dritt ghar-risposta tal-Partit Nazzjonalista u tal-Kap tal-Opposizzjoni, m'hijiex korretta. Ghall-Qorti, anzicche`, huwa evidenti illi kwantu jaddebita lir-rikorrent allegazzjonijiet li ma jirrizultax li huwa qatt ghamel, talanqas fl-artikolu mtella' fuq is-sit elettroniku tieghu fid-29 ta' Lulju 2018, ir-rapportagg ippubblikat minn Net News fl-1 ta' Awwissu 2018 huwa mizghud b'dikjarazzjonijiet li ma gewx effettivament imsemmija fl-imsemmija risposta[6] u li jmorru ferm oltre dak li gie mistqarr fiha.

[5] Fl-1 ta' Awwissu 2018, Dok. D a fol. 22.
[6] Li giet pubblikata fl-1 ta' Awwissu 2018.

Il-Qorti tqis li din il-konkluzjoni hija ulterjorment imsahha minn dak li xehed fir-rigward Pierre Portelli, meta b'referenza ghall-artikolu mtella` mis-sit elettroniku netnews.com.mt[7], qal hekk:-

"*Dik hija l-istorja tar-right of reply. Jigifieri NetNews kien irrapporta r-right of reply tal-Partit Nazzjonalista u bhal ma jaghmel fl-istejjer kollha* ***jaghti headline li hija, jinterpreta l-istorja fiha****.*"[8] [enfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm il-premess kif ukoll il-fatt illi dak li r-rikorrent kien irrapporta fil-blog tieghu gie evidentement mizrapprezentat fil-pubblikazzjoni maghmula minn Net News, hija l-fehma tal-Qorti illi kuntrarjament ghal dak sottomess mill-intimati, dak mitlub mir-rikorrent ma jistax jitqies bhala "*dritt ta' risposta ghal dritt ta' risposta*", u ghaldaqstant, tqis ukoll li r-rikorrent kellu u ghad ghandu dritt ghar-risposta ghall-pubblikazzjoni u xandira li saru minn Net News fl-1 ta' Awwissu 2018, a tenur tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579.

Ikkunsidrat;

Izda ghad jenhtieg illi l-Qorti tistharreg it-tieni binarju tad-difiza tal-intimati kif imfisser fir-Risposta taghhom ghar-Rikors promotur, cioe` illi l-ittra tat-3 ta' Awwissu 2018 fejn ir-rikorrent talab dritt ta' risposta, ma tissodisfax il-htigijiet tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579 ghaliex dak li hemm miktub "*huwa biss argumentazzjoni u sottomissjonijiet ta' opinjoni differenti*" ghal dak li ntqal fl-ittra tal-31 ta' Lulju 2018 in linea ta' dritt ghal risposta tal-Partit Nazzjonalista u l-Kap tal-Oppozizzjoni.

---

[7] Fl-1 ta' Awwissu 2018.

[8] Fol. 131, kontro-ezami ta' Pierre Portelli, 2 ta' Ottubru 2019.

Il-ligi fit-tielet proviso tas-subinciz (1) tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579, tesigi illi d-dritt ta' risposta jkun ristrett ghal korrezzjoni jew kontradizzjoni u/jew spjegazzjoni tal-fatti, u m'ghandux jestendi ghas-sottomissjoni ta' opinjoni differenti.

Applikati dawn ir-rekwiziti ghall-kontenut tal-ittra tat-3 ta' Awwissu 2018[9] mibghuta ghan-nom tar-rikorrent ghall-finijiet tal-Artikolu 15 tal-Kap. 579, minnufih jigi osservat illi dak li effettivament talab ir-rikorrent ma huwa xejn ghajr: **korrezzjoni ossia kontradizzjoni tar-rapportagg**[10] li sar fuq is-sit elettroniku ta' NetNews taht l-intestatura "… *il-blogger Manuel Delia imgiddeb*", kwantu ghall-paragrafu immarkat (a); u **spjegazzjoni tal-fatti** rrapportati mir-rikorrent fil-blog tieghu tad-29 ta' Lulju 2018, kwantu ghall-paragrafu immarkat (b)[11].

Dan ifisser li mhux talli r-risposta tar-rikorrent li baghat in linea ta' dritt ta' risposta hija pjenament konformi mar-rekwiziti tal-ligi, talli r-rifjut tal-intimati illi jippubblikaw id-dritt ta' risposta mitluba mir-rikorrent m'huwiex gustifikat.

Effettivament, u kuntrarjament ghal dak eccepit mill-intimati, l-ittra mibghuta in linea ta' dritt ghar-risposta mertu ta' dawn il-proceduri, ma fiha ebda argumentazzjoni u sottomissjoni ta' opinjoni differenti u dan - ghandu jinghad - b'kuntrast manifest mar-risposta tal-istess Partit Nazzjonalista u tal-Kap tal-Opposizzjoni ppubblikat mir-rikorrent fl-1 ta' Awwissu 2018[12] liema risposta hija evidentement interpolata minn kummenti, argumentazzjoni u sottomissjoni ta' opinjoni differenti, ilkoll vjetati mill-Artikolu 15 u konsistenti, *inter alia*, fis-segwenti siltiet:-

[9] Dok. A, fol.12.
[10] "(a) *hu qatt ma kiteb li l-Membri Parlamentari Nazzjonalisti vvutaw favur il-legislazzjoni tal-kannabis f'xi forma jew ohra jew illi l-PN huwa favur tali legalizzazzjoni."*
[11] "(b) *kull ma kien irrapportat hu illi l-Kap Adrian Delia kien qata' fil-qasir id-diskussjoni fil-Grupp Parlamentari u li ma kienx stqarr illi kellu konnessjoni familjari u mod iehor ma' nies interessati fil-koltivazzjoni tal-kannabis ghal skopijiet medicinali, liema pass fil-fehma tas-Sur Delia messu ttiehed mill-Kap Adrian Delia b'turija ta' rispett ghall-principji ta' governanza xierqa."*
[12] Dok. D, fol. 22.

"*... what you stated in your blog is factually incorrect and intended solely to cause serious harm to the Nationalist Party and impute ulterior motives in regard to the Leader of the Nationalist Party ...*"

u

"*Therefore your blog ... together with all the comments made are malicious in nature, attribute facts which are not true and consequently are defamatory*".

Minkejja dan, jirrizulta illi r-rikorrent ippubblika din l-istqarrija bi dritt ghal risposta, fl-intier taghha.

Ikkunsidrat;

L-intimati fl-ewwel eccezzjoni taghhom jikkontendu illi l-intimat Fabian Demicoli, bhala *programmes manager* ta' Net Television, bl-ebda mod ma huwa responsabbli mill-kontenut tal-ahbarijiet fil-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tqis illi huwa manifest illi b'din l-ewwel eccezzjoni, l-intimati jikkontestaw il-legittimita` tal-persuna tal-imharrek Fabian Demicoli sabiex joqghod fil-gudizzju, u fir-rigward, taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell, fejn gie ritenut illi:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan,*

*naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Izda fil-kaz in ezami, l-intimati ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni li l-intimat Fabian Demicoli m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talba attrici, u effettivament, jigi osservat li ebda wiehed minnhom ma xehed f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma ntweriex lanqas kif, bhala *programmes manager*, l-intimat Fabian Demicoli **m'huwiex** responsabbli mill-kontenut tal-ahbarijiet fil-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista, kif del resto eccepit fir-Risposta tal-intimati. Dan lanqas gie eskluz mix-xhieda ta' Pierre Portelli li jirrizulta illi dak iz-zmien kien ic-Chairman tal-kumpannija Medalink Limited li hija responsabbli ghal-media tal-Partit Nazzjonalista.

F'kull kaz, izda, il-Qorti ma tara xejn fil-kaz odjern u fl-atti processwali illi jipprekludi li, kwantu ghal "xandir" ghall-fini tal-Artikolu 15 tal-Att, il-*programmes manager* tal-istazzjon televiziv jitqies bhala l-editur li, skont l-Artikolu 3, huwa wiehed mill-persuni li fil-konfront taghha ghandha tigi indirizzata azzjoni istitwita ghall-finijiet tal-istess Att. Dan qed jinghad ukoll ghaliex l-Artikolu 2 tal-Att jiddefinixxi l-editur f'termini generali bhala "*kull persuna li tkun responsabbli għall-kontroll editorjali jew tal-kontenut ta' xi midja*".

Mizmum ferm il-premess, u applikat l-insenjament fuq citat ghad-determinazzjoni ta' eccezzjoni dwar l-illegittimita` tal-persuna mharrka fil-gudizzju, il-Qorti hija tal-fehma illi minn dan l-istharrig *prima facie* jirrizulta li n-nomenklatura tal-kariga tal-intimat Fabian Demicoli bhala *programmes manager* tal-istazzjon televiziv li ppubblika x-xandir li skaturixxa d-dritt ghar-risposta mitlub mir-rikorrent, ma teskludix - anzi huwa facilment identifikabbli

fiha - l-element tal-kontroll editorjali tat-trasmissjonijiet televizivi, talanqas ghall-finijiet tal-azzjoni odjerna ghal dritt ghar-risposta. Konsegwentement, jirrizulta pozittivament dak in-ness guridiku bejn l-istess intimat u l-azzjoni proposta mir-rikorrent.

Konformement, il-Qorti tqis illi l-intimat Fabian Demicoli ghandu jitqies bhala persuna idonea sabiex jirrispondi ghat-talba tar-rikorrent u tichad ghalhekk l-eccezzjoni tieghu illi m’huwiex legittimu kontradittur tat-talba tar-rikorrenti fl-azzjoni odjerna.

Ikkunsidrat ulterjorment;

B’zieda mal-premess u kwantu ghall-mertu, jigi ribadit illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova kwalsiasi biex ifissru x’inhuma tabilhaqq il-mansjonijiet tal-*programmes manager* tal-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista u kif dawn il-mansjonijiet ma jinkludux, fil-kaz tal-intimat Fabian Demicoli, responsabblita` ghall-kontenut tal-midja mxandra fuq l-istazzjon televiziv Net News ghall-fini tad-definizzjoni ta’ “editur”. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi l-fatt illi kien effettivament Pierre Portelli, ic-chairman tal-kumpannija Medialink, li ha d-decizjoni ahharija li ma jigix imxandar id-dritt tar-risposta mitlub mir-rikorrent, huwa irrelevanti stante illi kien dan ix-xhud innifsu li fisser illi f’dan il-kaz, huwa kien gie mitlub jaghti direzzjoni lin-“*News Room ta’ Net Television*” proprju “*minhabba l-implikazzjonijiet legali … li* ***tmur lil hinn mir-remit ta’ x’jiddeciedu li hu news value u x’mhux news value*** *u allura talbu d-direzzjoni tieghi.*”[13] Ghall-Qorti dan ifisser illi ordinarjament, il-kompitu li wiehed jiddeciedi dwar in-*news value* o meno ta’ pubblikazzjoni, tirrientra fil-mansjoni tal-*programmes manager*.

Kwantu ghall-intimat Robert Cremona, ma tressqet l-ebda eccezzjoni li ghall-finijiet tas-subinicizi (e) u (f) tal-Artikolu 15(2) tal-Att, huwa m’hux il-persuna

[13] Enfasi tal-Qorti.

responsabbli ghall-kontenut tal-pubblikazzjoni mtellgha fuq il-midja televiziva Net News[14], jew li m'huwiex il-persuna responsabbli ghall-*medium* tax-xandir jew l-operatur tas-sit elettroniku netnews.com.mt.[15]

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi z-zewg intimati entrambi huma responsabbli ghall-finijiet tal-Artikolu 15 tal-Att, ghall-pubblikazzjoni tad-dritt ghar-risposta tar-rikorrent, kif ukoll ghall-penali mahsub mill-istess Artikolu 15, liema penali l-Qorti ija tal-fehna li hija dovuta minhabba n-nuqqas palezi ta' gustifikazzjoni tar-rijfut kontinwat taghhom li tigi ppubblikata l-istqarrija in kwistjoni bi dritt ghar-risposta.

Ikkunsidrat;

Dan stabbilit, il-Qorti tosserva illi fir-Rikors promotur, ir-rikorrent jitlob, a tenur tal-Artikolu 15, il-pubblikazzjoni tal-istqarrija li huwa baghat fit-3 ta' Awwissu 2018[16] in konnessjoni mal-"*pubblikazzjonijiet u/jew xandiriet li saru madwar l-1 ta' Awwissu 2018*".

Fir-rigward, jirrizulta mill-assjem tal-atti senjatament mir-Risposta tal-intimati[17] u mix-xhieda ta' Pierre Portelli li stqarr l-artikolu mtella` fuq is-sit elettroniku netnews.com.mt, giet imxandra wkoll fuq New News[18], illi effettivament ir-rapportagg bl-intestatura "*Il-PN kien u ghadu kontra l-kultivazzjoni tal-kannabis f'pajjizna – il-blogger Manuel Delia imgiddeb*" giet imxandra fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista fl-1 ta' Awwissu 2018 **sija tramite pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku netnews.com.mt., u sija wkoll tramite xandir televiziv fuq Net News**[19]. F'kull kaz, dan m'huwiex kontestat mill-intimati.

[14] Vide tifsira ta' "editor" fl-Artikolu 2 tal-Att.
[15] A tenur tal-Artikolu 15(2)(e) u (f).
[16] Dok. A, fol.12.
[17] Risposta datata 15 ta' Ottubru 2018, paragrafu 2.b.v.
[18] Fol. 96.
[19] Ara wkoll xhieda ta' Pierre Portelli, fol. 96.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi d-dritt tar-risposta tar-rikorrent ghandu jigi ppubblikat fuq iz-zewg mezzi tax-xandir cioe` x-xandir televiziv Net News u s-sit elettroniku netnews.com.mt.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent Emanuel Delia billi filwaqt illi tiddikjara illi bhala l-persuni responsabbli ghall-*medium* tax-xandir televiziv Net News u tas-sit elettroniku netnews.com.mt, l-intimati naqsu milli jimxu mal-obbligi taghhom taht l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta:-**

1. **Tordna lill-istess intimati sabiex sa mhux iktar tard minn jumejn mil-lum, jippubblikaw u jxandru fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit Nazzjonalista, cioe` fuq is-sit elettroniku netnews.com.mt u fuq ix-xandira televiziva Net News, l-istqarrija bi dritt ghar-risposta mibghuta mir-rikorrent fit-3 ta' Awwissu 2018, u dan bl-istess prominenza tal-pubblikazzjoni u x-xandira li dwarha gie ezercitat dan id-dritt ghar-risposta, bla ebda hlas, kif ukoll b'harsien strett tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 15(2)(b) u (d) tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta; u**

2. **Tordna wkoll lill-intimati *in solidum* ihallsu lir-rikorrent penali fis-somma ta' hames mitt Euro (€500).**

**L-ispejjez ta' dan il-procediment jithallsu mill-intimati *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr. Graziella Attard**
**Deputat Registratur**